# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 24**

**Cit. Nru. 2131/98 AJM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alfred Briffa**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Dicembru, 1998, fil-kawza fl-ismijiet premessi, dik l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut". Il-kawza kienet b'zewg talbiet l-ewwel wahda biex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh u t-tieni talba ghall-kundanna tal-hlas ta' kont tat-telefon.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u intavola appell li jirrigwarda t-totalita' tas-sentenza u dan fuq l-aggravju li gej:-

Dwar fatti, il-konvenut appellant isemmi illi zmien ilu kellu telefon li ma kienx imqabbad dirett ghandu imma kien b'sistema ta' extension ma' haddiehor. Dan kien dejjem bil-hsara, u zmien ilu mar u hassru. Saret il-kawza. Il-konvenut ikkontesta oralment. Fil-frattem;p li kien ghaddej it-terminu halli jaghmel l-eccezzjonijiet kien marid serjament, u spicca biex dakinhar stess li kien hemm il-kawza kellu jmur jaghmel operazzjoni. Illi sfortunatament dakinhar l-avukat sottoskritt kien okkupat f'guri, u l-ewwel Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza, kif riportata, fejn laqghet talba meta kien hemm zewg talbiet.

Minn dan ghalhekk konfrontat ma' l-istess sentenza appellata jirrizultaw is-segwenti aggravji:-

A. Il-konvenut appellant mhux qed isib il-kavilli tal-ligi halli jkun jista' jissana xi zball, imma s-sentenza tippronunzja l-Qorti wara li tiktibha l-istess Qorti. Huwa manifest li ntuzat formola sterotipata, imma daqstant hu car li l-Qorti laqghet "it-talba". Skond il-ligi tal-procedura t-talbiet jigu

numerati, u hekk gara, u l-esponenti ghandu dritt li jghid li l-Qorti laqghet wahda biss u mhux iz-zewg talbiet. Jekk l-attur jghid li l-Qorti laqghet it-tieni talba, allura bl-istess mod il-konvenut ghandu dritt jghid li ntlaqghet l-ewwel talba.

Dan mhux zball li jista' jigi korrett. Sa data tal-prezentata ta' l-appell, it-test awtentiku tas-sentenza hekk jghid.

B. Fit-tieni lok, l-appellant jissottometti li kellu ragunijiet medici biex jikkonferma li ma kienx kontumaci. L-istat tas-sahha tieghu f'dawk il-jiem kien gravi, u kellu jispicca wkoll l-isptar jaghmel operazzjoni. Illi huwa ma setghax jiggustifika tali nuqqas tieghu ghaliex dakinhar stess kien l-isptar.

C. Fit-tielet lok, anke l-kontumacja hija kontestazzjoni. Id-dokumenti esebiti mill-attur, u d-dikjarazzjoni guramentata tieghu mhux bizzejjed f'dan il-kaz.

D. Hemm ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn fuq il-kera u l-konsum.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru, 1998, fl-ismijiet premessi, u minflok tichad it-talbiet, jew fi

kwalunkwe kaz tibghat l-atti quddiem l-ewwel Qorti halli l-kawza tinstema' mill-gdid u tinghata l-opportunita' lill-esponenti li jaghmel il-provi tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata.

4. Semghet lill-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawza u partikolarment ukoll id-dokumenti esebiti f'dan l-istadju mill-appellant u n-nota ta' riferenza ta' l-appellat dwar il-preskrizzjoni.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

5. Ikkunsidrat li l-konvenut appellant ressaq erba' aggrvji differenti fir-rikors ta' l-appell tieghu u din il-Qorti sejra tinvesti dawn l-aggravji wiehed wara l-iehor kif riportati fir-rikors ta' l-appellant:-

(i) Illi skond l-appellant meta l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi esprimiet ruhha bil-forma stereotipata u qalet biss li hija "laqghet it-talba", hija kkommettiet ghall-procedurali insanabbli, ghar-raguni li c-citazzjoni kienet tikkontjeni zewg talbiet u mhux talba wahda.

Din il-Qorti, wara li qieset dak li ssottometta fir-rigward l-appellant, issib li mill-atti tal-kawza ghandu jirrizulta kjarament li tali aggravju huwa infondat u li, bil-maqlub ta' dak li gie asserit mill-konvenut, fir-realta' l-appellant qieghed semplicement jittanta jsib il-kavilli tal-ligi fi sforz li

jottjeni r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dan hu hekk il-ghaliex dwar l-ewwel talba dik il-Qorti kienet gja pprovdiet espressament billi tat il-fakolta' lill-konvenut illi jikkontesta t-talba attrici u taghtu ghoxrin gurnata zmien ghal fini ta' prezentata ta' nota ta' l-eccezzjonijiet (hekk ara digriet moghti fit-13 ta' Novembru, 1998 – a fol. 12 tal-process). Dan mela kien ifisser li darba li giet deciza b'digriet l-ewwel talba, kien ghad fadal biss x'tigi deciza t-tieni talba fil-mertu. Il-fatt li l-konvenut naqas milli jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' li jikkontsta l-meritu skond kil-ligi ma jintitolahx li jressaq l-arlogg lura u jirreferi mill-gdid lejn l-ewwel talba attrici li dwarha kien hemm gja pronunzjament definittiv mill-ewwel Qorti.

(ii) Fit-tieni lok, il-konvenut qed jikkontesta wkoll l-istat ta' kontumacja fil-konfront tieghu. Hu jaghmel accenn ghal sensiela ta' fatti li pero' bl-ebda mod ma huma riflessi fl-atti tal-process. Isemmi mard, isemmi li gie rikoverat l-isptar ghall-fini ta' operazzjoni, jsemmi li l-avukat tieghu ta' fiducja ma deherlux billi kien okkupat f'guri, pero' l-ebda att jew verbal ma jirrizulta fl-atti quddiem l-ewwel Qorti li minimament jissuffraga din il-lanjanza tal-konvenut. Din il-Qorti tinnota li mid-data ta' l-ewwel dehra, li kienet fit-13 ta' Novembru, 1998, l-ewwel Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghall-11 ta' Dicembru, 1998 li jfisser li altru milli kellu opportunita' bizzejejd il-kovnenut biex fin-nuqqas ta' prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet - ghal liema nghata zmien ta' 20 jum – almenu

jintavola rikors fejn igib il-fatti msemmijin minnu ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti. Minn dan kollu l-appellant m'ghamel proprju xejn quddiem l-ewwel Qorti. Minflok, ressaq dokumenti dwar l-istat fiziku tieghu fl-istadju ta' l-appell. Illi minn ezami tal-"case summary" – ara Dok AB1, a fol 25 tal-process, jirrizulta li l-konvenut gie rikoverat l-Isptar fl-10 ta' Settembru, 1998 u gie licenzjat fl-14 ta' Settembru, 1998. Jigi rilevat li l-kawza in ezami gietipprezentata fil-21 ta' Ottubru, 1998 l-ewwel dehra – ghal liema kien prezenti l-konvenut giet iffissata ghat-13 ta' Novembru, 1998. Id-Dok AB 2, a fol 26 tal-process inhareg fit-30 ta' Novembru, 1998 mit-Tabib Dottor Norbert R. Vella, M.D., u jaghti dettalji ta' "history of injury to the right elbow. Longstanding history of intermittent tingling in the right hand as well………." bil-konkluzzjoni li l-konvenut kellu "severe ulnar neuropathy at the right elbow". Bir-rispett kollu, dan ma jiggustifikax l-inadempjenza procedurali da parti tal-konvenut.

(iii) Illi huwa minnu li l-kontumacja tfisser kontestazzjoni pero' din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut meta ssottometta li l-provi ta' l-attur ma kienux sufficjenti biex jissodisfaw il-grad ta' prova rikjesta. L-attur nomine esebixxa l-ftehim ghall-istallazzjoni u uzu ta' servizz ta' linja tat-telefon de quo; esebixxa prospett dettaljat dwar l-ammont mitlub minnu, u fl-ahharnett, ipprezenta affidavit in konferma tal-fatti minnu dikjarati. Dawn il-provi, ankorke' kontestati in kontumacja, bl-ebda mod ma gew

kontradetti, Kif allura jista' jinghad li ma hemmx provi sufficjenti ghall-akkoljiment tat-talba attrici fil-mertu?

(iv) Fir-raba' lok hemm aggravju dwar preskrizzjoni tas-sentejn li tqanqlet ghall-ewwel darba fl-istadju ta' l-appell. Apparti li l-appellant naqas milli jindika liema artiklu qieghed jinvoka, ghandu jirrizulta li trattandosi ta' provvista ta' servizz li jissokta u li jemani minn ftehim bil-miktub, isegwi li t-terminu preskrittiv ghandu jkun dak kwinkwennali u mnhux wiehed ta' sentejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eb da wiehed mill-erba' aggravji fuq imsemmijin ma jidher li huwa fondat la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, <u>tichad</u> l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm